MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Mandat Numru. 222/2007/1

**Andrea Stellato (ID 102865M)**

**vs**

**Sandra Falzon (ID 364004L)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Sandra Falzon fejn gie premess:-

Illi l-mandat in kwistjoni, huwa pprezentat b'mod konfuz b'dan illi fil-parti indikata bhala kreditu hemm figura ta' Lm5500 waqt li fil-kawzali s-somma hija ta' Lm5000, ghalhekk dan il-mandat ghandu jigi dikjarat null u bla effett.

Illi minghajr pregudizzju jigi sottomess:

1. Illi l-kawzali tat-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat ta' sekwestru hija l-allegat sehem dovut mill-esponenti ghall-

ispejjez edukattivi ghall-minuri Stephanie Stellato, manteniment dovut u valur ta' oggetti personali tal-intimat.

Illi minkejja li l-intimat Andrea Stellato talab ghal diversi drabi li jinghata manteniment ghall-minuri Stephanie Stellato, bint il-kontendenti, din it-talba qatt ma giet akkordata, tant illi l-manteniment gie michud permezz tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Marzu 2005 kopja tieghu hawn anness u mmarkat SF1;

Illi jigi umilment espost li l-kura u kustodja tal-minuri effettiva ilha f' idejn l-esponenti minn Lulju 2006, u anke giet fdata bil-kura u kustodja tal-minuri Stephanie Stellato permezz tas-sentenza preliminari ta' din l-Onorabbli Qorti mghotija, kopja taghha hawn annessa u mmarkata SF2.

Illi tul dan iz-zmien kollu r-rikorrenti qatt ma ppercepiet manteniment la ghaliha u lanqas ghall-minuri Stephanie Stellato jew xi forma ta' ghajnuna finanzjarja jew emottiva minghand l-intimat ghat-trobbija tal-minuri bint il-kontendenti, jew spejjez edukattivi ghall-minuri Stephanie.

2. Illi l-esponenti ghandha tiehu l-ammont ta' circa €17,900.91 bhala assi parafernali, liema somma giet anke ammessa mill-intimat u anke ddikjara illi qieghdin fil-pussess tieghu, u ghalhekk din is-somma biss ukoll hija hafna akbar minn dik reklamata permezz tal-mandat ta' sekwestru.

3. Illi l-intimat ghandu wkoll f’idejh affarijiet li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u li ilu jizufruwixxi minnhom mis-sena 1994 u qieghed jikkawza pregudizzju lir-rikorrenti.

4. Illi l-intimat qieghed jippercepixxi wahdu l-kera ta' proprjeta', liema kirja tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ukoll jiehu l-imghax fuq is-somma ta' flus parafernali tal-esponenti, u juza d-dar matrimonjali gewwa Pembroke proprjeta' tal-komunjoni tal-akkwisti. Dan kollu qieghed jippercepihom l-intimat wahdu a pregudizzju tar-rikorrenti.

5. Illi r-rikorrenti ma ghandhiex f idejha ebda oggetti personali tal-intimat.

6. Illi permezz tad-dikriet ta' din l-Onorabbli Qorti ta' nhar is-6 ta' Ottubru 2009, gie ddikjarat li l-verbal maghmul fl-udjenza ta' nhar l-14 ta' Ottubru 2003 ma jorbotx lir-rikorrent, b'dan illi l-assi tar-rikorrenti ma gewx limitati ghas-somma ta' cirka Lm7000 (Dok SF3).

Ghal dawn il-ragunijiet ir-rikorrenti umilment talbet li jigi dikjart li l-mandat ta' sekwestru bin-numru 222/2007 hu null u bla effett ab initio.

Fin-nuqqas jigi revokat l-istess mandat u dan peress illi l-intimat Andrea Stellato di gia ghandu fil-pussess tieghu somma akbar mill-ammont reklamat minnu permezz tal-mandat ta' sekwestru, u dan kif spjegat.

Rat ir-risposta ta’ Andrea Stellato fejn gie sottomess:-

Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandha tiddikjara id-disposizzjoni legali li qed tinvoka ai fini tar rikors taghha.

Illi preliminarjament ukoll l-istess rikorrenti gja iddeduciet rikors ghar revoka tal-mandat ta' sekwestru premess bl-istess argumenti, liema rikors taghha kien gie michud bl-ispejjez (Dok.’A’).

Illi ghalhekk il-procedura odjerna hija irrita u nulla peress li mhux permissibbli li ir-rikorrenti tiddeduci l-istess talbiet.

Illi minghajr pregiudizzju il mandat mhuwiex null u ghandu jigi ikkonfermat;.

Illi fil-mertu l-esponenti jirrileva is-segwenti:-

Illi lanqas hu minnu li hemm diskrepanza fil-figuri indikati fuq il Mandat kif jidher minn qari tal-istess kliem tal-mandat. Jigi rilevat li il bilanc ta LM550 fuq is somma kawtelata ta Lm5550 tirrapresenta ammont aggiudikat gja lill-esponent li ghandu jithallas minn Sandra Falzon in segwitu ta' zewg sentenzi tal Prim'Awla u tal-Qorti ta' l-

Appell, kif ukoll il valur ta xi oggetti personali tal-esponent li hi abusivament approprijat ruhha minnhom fil-mori. L-esponent interpella lir-  rikorrenti diversi drabi minghajr ma hallas.

Illi rigward dawn l-oggetti, r-rikorrenti stess ammettiet li ghandha crieket goielli f’idejha l-Awstralja fil proceduri u kienet hadet mid-dar matrimonjali oggetti ohra.

Illi riferibbilment ghall-pretensjonijiet tieghu ghall-manteniment ghall-minuri, l-esponent qed jannetti verbal tas-seduta tas 17 ta‘ Frar 2009 fejn ir rikorrenti iddikjarat li hija ippreparata jekk hemm bzonn li tirrinunzja ghat-talba taghha ghall-manteniment tal-mmuri (DOK B).

Illi l-esponent minn naha tieghu iddikjara tramite d-difensur tieghu li izomm fermi it-talbiet tieghu ghall-manteniment tat-tifla (DOK B).

Illi dan juri li it-talbiet tal-esponent dedotti b'rikorsi ippresentati pendente lite ghadhom mhumiex decisi definittivament u, inoltre, ikun hemm decizjoni finali biss mas-sentenza in gudikat. Fll-fatt ghad hemm pendenti bosta rikorsi u talbiet in atti minn naha tal-esponent ghall-manteniment u ghall-ispejjez edukattivi kif ukoll rikors li kien gie ippresentat mill-Avukat tal-Minuri Dr Ramona Frendo fid- 9 ta Frar 2006 li permezz tal-istess talbet li jigi stabbilit manteniment pagabbli mill-intimata lill-esponent ghall-minuri. Dawn it-talbiet ghadhom sub iudice.

Illi l-esponent ghandu kull dritt jikkawtela il posizzjoni tieghu sas-sentenza finali. Dan qed jigi sottomess minghajr pregiudizzju ghall fatt li l-esponent qed jitlob rifuzjoni ta' spejjez li gja hallas ghall minuri.

Illi ghall korrettezza Sandra Falzon inghatat il kura u kustodja provisorja din is sena fit-2 ta Jannar 2007 u mhux fis sena 2006. Anke dan l-isball gie riprodott verbatim mir-rikors li hi ippresentat fis sena 2007. L-allegazzjoni li hi ma ircevietx manteniment hu irrilevanti ghalhiex hi ghandha mezzi a disposizzjoni taghha u

inoltre, sahansitra ottjeniet il hrug ta mandat ta sekwestru kontra l-esponent.

Illi l-intimata ghazlet li tabbanduna lil bintha fis-sajf tas-sena 1998 meta telqet mill-pajjiz biex tghix fl-Ewropa u sussegwentement f’pajjizha fl-Awstralja. Dan ghamlitu ghar ragunijiet egoistici fosthom biex issegwi relazzjonijiet ma’ diversi irgiel.

Illi kien l-esponent li ha hsieb u hareg l-ispejjez kollha tal-manteniment, edukazzjoni, sahha u trobbija ghal binthom. Minnkejja li l-intimata giet f’Malta ghall zjara fis-sena 2004 ghal ftit, abbandunat it-tifla ghat-tieni darba u regghet giet meta dehrilha li kienet komda minghajr ebda hsieb ghat-tifla u ghall bzonnijiet taghha . Fil-fatt xorta baqghet tirrifjuta li tikkontribwixxi ghall-ispejjez tat-tifla, bi ksur tal-obbligazzjonijiet taghha bhala genitur skond il ligi u senjatament l-artikolu 3B tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jekk r-rikorrenti qed tivvanta kreditu parafernali, il krediti tal-esponent kontriha jeccedi ferm l-ammont minnha indikat u dan hu mertu ukoll tal-kawza pendenti quddiem il Qorti tal-Familja.

Illi l-esponent hallas wahdu il mizati u spejjez edukattivi tal-iskola privata San Andrea, spejjez ta’ kotba u uniformijiet, privatijiet ecc. L-esponent qed jitlob kawtela ta’ ammont ta Lm5000 ghall ispejjez edukattivi mis sena 2003 sat 2006.

Illi ma hemm xejn fir-rikors odjern li ghandu iwassal sabiex jigi michud id-dritt tieghu li jikkawtela dawn il pretensjonijiet ghar-rifuzjoni.

Illi l-intimata gja abbandunat il pajjiz bosta snin ilu u ilha hawn biss mill bidu tas sena 2006. Kienet rikalcitranti fix-xhiedha taghha dwar dhul u impieg u kienet anke naqqset milli tghid il verita dwar l-impiegi li kellha biex tipprova tevita l-obbligazzjonijiet taghha lejn it-tifla. Sahansitra baqghet tirrifjuta li tesibixxi dokumenti finanzjarji ordnati mill-Qorti.

Illi l-fatt li it-tifla ilium tghix maghha ma jnehhix mill-esponent id-dritt li ikompli ifittex kontribut minn ghandha ghas-snin kollha fejn hu refa wahdu il piz tat-tifla.

Illi l-komunjoni tal-akkwisti ma gietx stabbilita bejn il partijiet u ghalhekk l-esponent m’ ghandux il facilita li jesegwixxi dawn id-drittijiet fuq xi sehem mill-intimata mill-istess komunjoni. Dak iddikjarat mir-rikorrenti fir-rigward tal-komunjoni ghaldaqstant ma jreggix. Inoltre huma divorzjati . Izzewgu l-Awstralja u kienu domiciljati fl-Italja u ghalhekk il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom ma jreggix kif jirrisulta mill-atti tal kawza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li r-rikors gie differit sabiex jinghata l-provediment finali.

Fil-presenti rikors Sandra Falzon tghamel referenza ghal mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 222/2007 li l-hrug tieghu gie ottjenut minn zewgha l-intimat, Andrea Stellato, u tallega li l-imsemmi mandat gie pprezentat b'mod konfuz peress li hemm diskrepanza bejn l-ammont indikat bhala il-kreditu u l-ammont indikat fil-kawzali. Din hi l-unika raguni li giet sottomessa mir-rikorrenti sabiex l-imsemmi mandat jigi dikjaratt li hu null u bla effett.

L-artikolu 836(1) tal-Kapilolu XII jipprovdi li l-parti li kontriha ikun inhareg att kawtelatorju (kif hu l-kaz f’dawn il-proceduri) jista jitlob li l-stess att kawtelatorju jigi revokat jew in toto jew in parti ghal xi raguni li hi elenkata fl-istess artikolu. L-imsemmija raguni li qed tigi sottomessa sabiex il-mandat in kwestjoni jigi dikjarat null mhux kontemplata fl-imsemmi artikolu. Ghlhekk din l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax titqies li qed issir ai termini tal-imsemmi artikolu.

Sewwa talab l-intimat, fir-risposta tieghu li r-rikorrenti ghandha tiddikjara a basi ta’ liema artikolu tal-ligi qed issir din l-azzjoni. Ir-rikorrenti naqset milli taghmel din id-dikjarazzjoni.. In effett ma tirrizulta ebda nullita fir-rikors li

sar mill-intimat ghall-hrug tal-mandat kawtelatorju in kwestjoni. L-intimat ghandu kull dritt, kif sancit ukoll mill-ligi, li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu. L-intimat ukoll jaghti spjegazzjoni sodosfacjenti ghar-rigward tad-diskrepanza allegata mir-rikorrenti, liema diskrepanza in effett ma hi diskrepanza xejn. Il-kwestjonijiet l-ohra kollha sollevati mir-rikorrenti huma ghal kollox irrolevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri.

In vista ta' dan kollu t-talbiet tar-rikorrenti ma jistghu qatt jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjez kontra r-rikorrenti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------